**247. Il-Prim Ministru ppropona:-**

Din il-Kamra tinnota li bir-riżoluzzjonijiet Numri 1368 u 1373 li ġew addottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-12 u fit-28 ta' Settembru 2001 l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru fl-Amerika ġew ikkundannati mingħajr ebda riżervi, u ġew enfasizzati, fost oħrajn:

- li t-terroriżmu internazzjonali jhedded il-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

- id-dritt inerenti ta' kull pajjiż illi jiddefendi lilu nnifsu kif rikonoxxut fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew waħdu jew flimkien ma' pajjiżi oħrajn;

- l-importanza li jintużaw il-mezzi kollha, skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jiġi kkumbattut t-theddid kontra l-paċi u s-sigurta' internazzjonali;

- is-sejħa tan-Nazzjonijiet Uniti li l-pajjiżi jaħdmu kollha flimkien sabiex jiżguraw li atti terroristiċi ma jibqgħux jiġu perpetwati;

Din il-Kamra tikkundanna bla riżervi l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001.

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi li Malta għandha tkompli tikkopera skond il-mezzi u possibiltajiet tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali.

08.10.2001